MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru. 37/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**MANUEL PORTELLI**

**Seduta ta' llum 27 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MANUEL PORTELLI** ta' 54 sena bin John u Pauline nee` Meilaq, imwieled Nadur, Ghawdex fis-6 ta' Jannar, 1950 u joqghod 'Mirabel' Triq Guze Ellul Mercer, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 14550(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-10 ta' Novembru, 2003 ghall-habta tat-8.25 a.m. fi triq rurali f'post maghruf bhala Wied ir-Rihan limiti tan-Nadur Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja

ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew li jgibilha disordni f’mohhha, u cioe` ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ John Muscat minn Nadur Ghawdex, skond kif iccertifika t-Tabib Brian Gatt M.D., mill-poliklinika tar-Rabat Ghawdex, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 12 ta’ Ottubru, 2004 ipprezentat mill-Ispettur Maurice Curmi waqt ix-xhieda tieghu nhar id-9 ta’ Dicembru, 2004, liema dokument jinsab a fol. 5 u markat bhala Dok. MC sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat nhar id-9 ta’ Dicembru, 2004 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju.

Ikkunsidrat

WPS 160 Josephine Camilleri xehdet u spjegat kif nhar l-10 ta’ Novembru, 2003 ghall-habta tat-8.30 a.m. mar l-ghassa certu John Muscat u irrapportalha li f’Wied ir-Rahhan limiti tan-Nadur kien wasal certu Manuel Portelli bil-vettura tieghu, nizel minnha b’mghazqa f’idejh, avvicinah wara li kien rema l-istess mghazqa minn idejh. Dan qalilha li bejniethom kien hemm xi kwistjoni fuq passagg tar-raba fejn kien ser jigi mpoggi xi siment mill-Kunsill.

Allegatament dan Portelli qallu l-kliem ‘Jekk se tirrapportani ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar jien nirrapporta lilek’ u qallu li jekk igib lil xi hadd kien ser jaqtaghlu rasu.

Sussegwentement dan Portalli talbu biex imorru fil-passagg biex jara jekk isibux xi soluzzjoni ghall-problema pero` kif resaq lejh Portelli xejjirlu daqqa ta' ponn go wiccu u gew fl-idejn.

Muscat qalilha li dak il-hin ried jiddefendi lilu nnifsu u li kien ghadu ma' genb it-*truck* u ghalhekk qabad lexxuna u xejjirha fid-direzzjoni ta' Portelli ghalkemm ma deherlux li laqtu. Qal li spiccaw fuq xulxin ma' l-art u Portelli spicca fuqu u spicca zammu ma' l-art.

Dak il-hin avvicinahom certu Paul Attard u beda jghajjat biex jieqfu u ittanta jifridhom. Muscat mar il-poliklinika u gie ezaminat minn Dr. Brian Gatt li ccertifika li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi peress illi l-feriti kienu f'wiccu.

Hija mbaghad baghtet ghal Portelli li effetivament mar l-Ghassa u qalilha li hu mar f'Wied ir-Rahhan fl-ghalqa tieghu sabiex inehhi xi terrapien.

Ikonferma li nizel mill-vettura tieghu bl-imghazqa f'idejh pero` meta avvicina lil Muscat rema l-imghazqa 'l hemm. Dak il-hin Muscat avvicinah u heddu li jekk ma jiftiehmux dwar il-passagg kien ser jirrapportah lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fuq il-passagg. Dak il-hin ftiehmu li jmorru fil-passagg biex jaraw jekk jistghux isibu soluzzjoni u dak il-hin Muscat qabad il-lexxuna li kellu fil-kaxxa ta' wara tat-*truck* u xejjirha fid-direzzjoni tieghu. L-imputat qalilha li huwa laqa' b'id wahda u bl-ohra xejjer daqqa ta' ponn go wicc Muscat. Qabdu f'xulxin, waqghu ma' l-art u qaghad fuq Muscat izommu bil-marlocc tal-lexxuna biex ma jitharrikx. Fil-pront tela' Pawlu Attard u beda jghajjat u waqqafhom mill-glied. Hija esebiet l-okkorrenza taghha waqt ix-xhieda taghha li giet immarkata bhala Dok. WPS.

<u>John Muscat</u> xehed nhar id-9 ta' Dicembru, 2004 u spjega kif sehh l-incident. Jghid li dakinhar huwa kien bit-*truck* fl-ghalqa ghall-habta tas-7.00 a.m. Portelli, l-imputat, kien tiela' mir-raba tieghu u qallu 'Hemm isfel x'intom thawdu?' u huwa wiegbu li kienu qieghdin jirrangaw il-passagg. Kellhom xi battibekk verbali u l-imputat tela' 'l fuq u hu

dahal ‘il gewwa. Sadattant huwa ltaqa’ ma’ bidwi u qallu li kien iltaqa’ ma’ l-imputat u deher irrabjat hafna u li kien sejjer fejn deherlu hu.

F’xi hin rega’ nizel l-imputat u pparkja ma’ genb it-*truck* tieghu, nizel mill-van tieghu u hareg imghazqa u kien sejjer ghalih, pero` imbaghad rema l-imghazqa ‘l hemm. L-imputat dar taparsi kien sejjer u fis-siegha dar u capcaplu daqqa go imniehru. Huwa qabad lexxuna minn got-*truck* u –imputat hatafhielu, huwa tar ghalih u gew fl-idejn u bdew jitmieghku ma’ l-art. Dak il-hin tela’ l-bidwi li kien hemm ‘l isfel u firidhom.

Muscat in kontro-ezami nhar l-14 ta’ Lulju, 2005 jghid li qabad il-lexxuna f’idejh meta l-imputat kien diga` rema l-imghazqa, u huwa tar ghall-imputat meta dan hadlu l-lexxuna minn idejh.

Paul Attard jghid li dakinhar tal-incident huwa kien fl-ghalqa tieghu taht hajt, semgha l-ghajjat bejn l-imputat jghid “Nehhi l-imghazqa, nehhi l-imghazqa”. Huwa beda jghajjat “Ieqfu, ieqfu”, ghalkemm stqarr li minn fejn kien hu ma seta’ jara xejn. Ikkonferma pero’ li dakinhar aktar kmieni qabel l-incident kien diga’ ra lill-imputat u Muscat jitlewmu u l-imputat deher irrabbjat.

Dr. Brian Gatt fl-affidavit li huwa irrilaxxja nhar id-19 ta’ Jannar, 2005 jiddeskrivi l-feriti li sofra John Muscat bhala ferita fuq imniehru twila xi 1.5 cm u li giet ikkawzata bi trauma pero` in-natura tal-feriti kienet ta’ natura superficjali skond affidavit rilaxxjat minnu nhar is-16 ta’ Novembru, 2004 (fol. 30) rilaxxjat mill-istess tabib.

L-imputat ghazel li jixhed u stqarr illi verament kellu xi jghid ma’ Muscat. Jghid illi dak in-nhar Muscat beda jghajjat ghax hu kellu mghazqa u ghalhekk ramiha ’l hemm. Hu baqa’ gej fid-direzzjoni tieghu, qabad lexxuna mit-trakk u tefghu tahtu, Muscat tah xi daqqiet biha u gie mixhut tahtu. F’xi hin tela’ Paul Attard u kkalma s-sitwazzjoni. Jghid li Muscat kellu demm hiereg minn imniehru waqt li hu kellu demm hiereg minn idejh.

L-imputat jghid li ta daqqa lil Muscat, ghalkemm jghid li l-imghazqa kien qabadha sabiex inaddaf it-terrapien ta' l-ghalqa u mhux sabiex ihebb ghalih biha ghax fil-fatt kien remiha 'l hemm.

Din il-Qorti taqbel mad-difiza li tghid li l-imputat kien provokat f'dan l-incident ghax fil-fatt l-imputat originarjament kellu l-imghazqa f'idejh meta ltaqa' ma' Muscat u ghalkemm dan qabad u tefaghha 'l hemm xorta gie fl-idejn ma' Muscat kif jghid hu stess qabad il-lexxuna li kellu fil-van u kien bi hsiebu jaghtih biha. L-imputat laqat lil Muscat b'idu waqt li kien qed jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' Muscat.

Illi l-avukat difensur isostni li l-imputat kien provokat u ghalhekk m'ghandux jinstab hati. Sabiex tirnexxi d-difiza l-provokazzjoni ai termini ta' l-artikolu 230(a) u 227(a) jehtieg li l-offiza volontarja fuq il-persuna tkun giet provokata b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna meta d-delitt ikun soggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija.

Issa f'dan il-kaz il-feriti l-imputat ikkaguna kienu wahda ta' natura hafifa kif stqarr l-istess Dr. Gatt u ghalhekk ma hux delitt li hu soggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u ghalhekk tali difiza qed tigi michuda.

Illi dan nonostante pero` din il-Qorti qieghda tilqa d-difiza tal-legittima difesa sollevata mill-istess difiza meta l-imputat laqat lil Muscat f'mument wara li hu kien gie attakkat bil-lexxuna.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi 214, 216, 221 tal-Kap. 9 tilqa' d-difiza tal-imputat ta' *self defence* u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------